KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 27 – L-ERBGĦA 9 TA' DIĊEMBRU 2020**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**27.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

27.1.1 Ma kienx hemm.

**27.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

27.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (26) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

27.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 27.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

27.3.1 Ma kienx hemm.

## 27.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

27.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa dwar l-eżitu tal-applikazzjoni PC/00126/18 'proposed change in building and road alignment', Triq Anton Manoel Caruana L-Iklin. Informa li huwa kien preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill b'mod virtwali. Is-Sindku għamel il-każ tiegħu waqt il-laqgħa tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità. Finalment ittieħed vot u l-applikazzjoni ġiet rifjutata. Is-Sindku ikkonkluda li kien rebaħ is-sens komun u kienet rebħa għall-komunità u l-lokalità.

27.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien iltaqa ma' resident minn Triq il-Ħarruba u Triq iż-Żebbuġa dwar l-attività kontinwa 24/7 ta' makkinarju goff jaċċessaw toroq residenzjali f'żona deskritta bħala 'residential priority area' bil-perikli u l-inkonvenjenzi li qed jikkawżaw dan il-makkinarju goff fejn regolarment qed jagħtu servizz lil xi barriera f'żona ta' barra mill-iżvilupp. Ir-residenti huma ferm ikkonċernati b'din is-sitwazzjoni u taw parir lill-Kunsill biex dawk it-toroq isiru inaċċessibbli għall-makkinarju goff. Is-Sindku kompla billi qal li kien konxju minn din is-sitwazzjoni u wiegħed li kien ser iressaq rakkomandazzjoni lill-Awtorità biex dawn it-toroq residenzjali ma jkunux aċċessibbli għall-makkinarju goff. Il-Kunsill approva *nem con*.

27.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li x-xogħol fi Triq San Mikiel kien tlesta mill-kuntrattur skont il-programm tax-xogħol biex b'hekk ingħata *facelift* lil din iż-żona biex tjiebet l-infrastruttura, l-aċċessiblità, u l-immaniġġjar tat-traffiku fejn ġew ikkrejati 16-il parkeġġ ġdid fi Triq San Mikiel. B'dan il-proġett, il-Kunsill ikun għalaq is-sena 2020 fejn il-ħidma fl-aħħar xhur kienet iffukata f'din iż-żona tal-Iklin fejn il-Kunsill ħadem fuq numru ta' tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku biex jiggarantixxi s-sigurtà fit-toroq residenzjali tal-Iklin.

Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għamlet numru ta' mistoqsijiet dwar dawn ix-xogħlijiet li saru fi Triq San Mikiel fejn instigat li

partijiet mix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti u staqsiet jekk hux ser titkompla l-kumplament tat-triq.

Is-Sindku wieġeb li fl-aħħar seduta kienet diskussa din il-materja u kellu l-impressjoni li kien ċar fi kliemu. Rigward xi difetti li semmiet il-Viċi, kien ser ikellem lill-Perit biex jispezzjona u jirraporta lura lill-Kunsill fl-eventwalità li jirriżultaw xi difetti. Is-Sindku kompla li l-Perit għad irid jiċċertifika x-xogħol qabel ma l-istess Kunsill jawtorizza l-pagament.

Ikkonkluda li dan kien proġett li mbarka fuqu Kunsill immexxi minnu f'din il-leġiżlatura ġdida għaliex kien ilu jinħass il-bżonn li l-Kunsill jinvesti u jiffoka aktar il-ħidma tiegħu f'din il-parti tal-Iklin fejn tjiebet l-infrastrutura, l-aċċessibilità, u l-kreazzjoni ta' parkeġġi ġodda.

27.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien iffinalizza ftehim ta' kollaborazzjoni ma' ditta kummerċjali fl-Iklin dwar inizzjattiva ambjentali biex il-komunità tal-Iklin tikkopera fl-iskart riċikklabbli tal-ħġieġ. Semma li fl-ewwel ġranet tas-sena l-ġdida, il-Kunsill flimkien ma' din id-ditta stabbilita fl-Iklin se jkunu qed iqassmu kontenituri tal-*plastic* biex ir-residenti jiddisponu mill-ħġieġ. Is-Sindku informa li dawn il-kontenituri se jkunu qed jitqassmu mis-Sala tal-Kunsill u b'hekk se nkunu qed naħdmu fil-qafas ta' politika imprenditorjali filwaqt li titħaddem fil-prattika *Social Corporate Responsibility*.

27.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li ġiet ippreparata ittraħbar biex titqassam lill-komunità biex il-Kunsill jagħti l-awgurju u l-isbaħ xewqat għall-Milied hieni u s-Sena l-Ġdida mimlija riżq u saħħa.

27.4.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien iffirmat ftehim bejn il-Kunsill u l-Kumitat LC Care Project f'isem il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ħarsien tal-Annimali. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien eliġibbli u bbenifika minn fondi biex ikun jista jissupplixxi *dry food* għal *stray cats* li għandna fl-Iklin. Stieden lill-Kunsillier Godwin Catania biex flimkien jikkordinaw dan il-proġett.

Il-proġett bl-isem 'L-Iklin – Towards the well-being of stray cats' se jkun qed jassisti lil *cat feeders* fl-Iklin bil-provvista ta' ikel li ċertament se jkun ta' sostenn għal dawk li għandhom għal qalbhom l-annimali.

## 27.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

27.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar il-President's Walk Fun u jekk il-Kunsill kienx ser jieħu xi forma ta' inizjattiva.

Is-Sindku wieġeb li s-Segretarju Eżekuttiv kien ottjena l-permess mill-Uffiċċju tal-President biex il-Kunsill ikun jista jiġbor donazzjonijiet għall-Istrina. Kif kien maqbul fis-seduta preċedenti, is-Sindku u l-Kunsillier Farrugia ser ikunu l-kolletturi awtorizzati biex jiġbru l-fondi għal din il-kawża ġusta. Ikkonkluda li kien se jsir promotion permezz tal-paġna ta' facebook tal-Kunsill biex nippromwovu din l-inizzjattiva.

## 27.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

27.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-12 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET ( 12 Nov - 04 Dec 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 294 | 12/11/2020 | Fi Triq il-Ħwawar hemm ħafna żrar u trabijiet li qed tkun ta' periklu għal min jgħaddi bir-rota. | pending | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 295 | 13/11/2020 | Ilmenti dwar ipparkjar ta' *commercial vans* f'Wesgħa Lewis J.B. Scicluna. | pending | Wesgħa Lewis J.B. Scicluna | **COUNCIL** |
| 296 | 13/11/2020 | Talba għal tabelli : Direction & No Entry fi Triq L F Mizzi fejn l-istage għaliex qegħdin joħorġu fil-*main road* | pending | Triq L F Mizzi | **COUNCIL** |
| 297 | 16/11/2020 | Ilment dwar rimi ta' xkejjer b'materjal ta' kostruzzjoni fi Triq l-Awrikarja. | pending | Triq l-Awrikarja | **COUNCIL** |
| 298 | 16/11/2020 | Talba għal *barrier* quddiem il-bieb prinċipali ta' Il-Cortile Restaurant. | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 299 | 16/11/2020 | Talba biex titkabbar MC Bay fi Triq Ċensu Bugeja. | pending | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 300 | 16/11/2020 | Hemm wire imdendel fil-gallarija tan-no 20, Triq Ċensu Bugeja. | settled | Triq Ċensu Bugeja | |
| 301 | 18/11/2020 | Talba għal żewġ *sleeping policeman* fi Triq L-Iklin viċin Triq S.Erardi | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 302 | 18/11/2020 | Talba għal (2) bozoz ma arbli eżiżtenti fi Triq il-Ħwawar c/w Triq iż-Żebbuġa | pending | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 303 | 18/11/2020 | Inkonvenjenza kbira minn kuntrattur fi Triq il-Klin | pending | Triq l-Klin | **POLICE** |
| 304 | 19/11/2020 | Talba biex isir 'gutter' fejn *zebra crossing* ta' quddiem stabbiliment tan-negozju fi Triq G Abos għaliex meta tagħmel ix-xita, iżomm ħafna ilma u n-nies ma' jkunux jistgħu jaqsmu. | pending | Triq Ġeronimo Abos | **COUNCIL** |
| 305 | 20/11/2020 | Rapport dwar trakk ipparkjat fi Triq il-Prinjol. Dan ilu minn Lulju. | pending | Triq il-Prinjol | **POLICE** |
| 306 | 20/11/2020 | Kurduna biex titranġa fi Triq A. Buttigieg | settled | Tiq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 306 B | 20/11/2020 | Bankina mħarbta u perikoluża fi Triq Anton Buttigieg c/w Triq Ġużè Bonnici. | pending | Triq Anton Buttigieg c/w Triq Ġużè Bonnici | **COUNCIL** |
| 307 | 20/11/2020 | Ilment minħabba lanterna fi Triq AM Galea li twaqqgħet id-dar biex titwaħħal temporanjament minħabba d-dlam. | pending | Triq Anton Buttigieg | **MICAMED** |
| 308 | 21/11/2020 | *Crane* kien qed jagħlaq Triq Dun Karm bla permess | closed | Triq Dun Karm | **POLICE** |
| 309 | 21/11/2020 | Talba biex tinżabar siġra li ħarġet fuq it-triq u qegħda tigref il-makkinarju, Pjazza | pending | Pjazza Ninu Cremona | **ELC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ninu Cremona kif iddur mal-ħwienet. | | | |
| 310 | 23/11/2020 | Talba biex Triq ir-Razzett l-Aħmar ħdejn l-arblu tan-NET tigi 'one-way', għax qed ikun hemm konġestjoni kbira tat-traffiku. | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **COUNCIL** |
| 311 | 23/11/2020 | Ilment dwar irwejjaħ kbar ta' tarmak li qed jinħaraq. | pending | | **ERA** |
| 312 | 23/11/2020 | Ilment dwar irwejjaħ kbar ta' tarmak li qed jinħaraq. | pending | | **ERA** |
| 313 | 24/11/2020 | Hemm tappiera tad-drenaġġ mikxufa fi Triq Giovanni Curmi c/w Triq in-Naxxar | settled | Triq in-Naxxar | **W.S.C.** |
| 314 | 24/11/2020 | Hemm bozza tixgħel u titfi fi Triq il-Klin c/w Triq Stefano Erardi. Barra minhekk għandha *shade* qed taqa' biċċa biċċa | pending | Triq il-Klin | **ENEMALTA** |
| 315 | 24/11/2020 | Hemm il-ħofor fi Triq il-Għargħur | settled | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 316 | 25/11/2020 | Hemm tappiera tad-drenaġġ mikxufa fi Triq Geronimo Abos. | settled | Triq Ġeronimo Abos | **W.S.C.** |
| 317 | 25/11/2020 | Hemm bozza maqtugha fi Triq Ġuzeppi Calleja. | settled | Triq Ġuzeppi Calleja | **ENEMALTA** |
| 318 | 26/11/2020 | Hemm ħafna ħamrija fi Triq in-Namur.  Bix-xita tkaxkar minn għalqa li hemm fl-istess triq. | pending | Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 319 | 26/11/2020 | Talba biex terga' teħel il-bozza fi Triq May Butcher. | pending | Triq May Butcher | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 320 | 27/11/2020 | Inqala' pajp tal-ilma fi Triq il-Wied u ħiereġ ħafna ilma. | pending | Triq il-Wied | **W.S.C.** |
| 321 | 27/11/2020 | Ħiereġ id-drenaġġ fi Triq LF Mizzi. | settled | Triq L.F. Mizzi | **W.S.C.** |
| 322 | 28/11/2020 | Għadda trakk minn Triq ir-Razzett l-Aħmar u waqqa cement u laqgħat ukoll xi vetturi. | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **POLICE** |
| 323 | 30/11/2020 | Tefgħu ħafna mbarazz mall-ħajt tas-sejjiegħ li għamilna ġdid fi Triq il-Għargħur c/w Sqaq Giarda. Talba biex jitnaddaf u ssir tabella. | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 324 | 01/12/2020 | Id-dawl ta' Triq il-Wied mhux jixgħel. | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 325 | 01/12/2020 | Residenta qed tilmenta li n-nies qed iħallu l-klieb mingħajr ċinga jiġru fi *traffic island* ta' Triq Ċensu Busuttil. Qed ikunu ta' periklu għal nies oħra li jkunu bil-klieb biċ-ċinga. | pending | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 326 | 02/12/2020 | Hemm ħofor ma' tappieri tal-ilma fin-nofs ta' Triq Ġeronimo Abos c/w Triq Dun Karm. | pending | Triq Dun Karm c/w Triq Ġeronimo Abos | **W.S.C.** |
| 327 | 02/12/2020 | Hemm kaptelli tal-GO imkissrin fuq il-bankina fi Triq Geronimo Abos. | settled | Triq Ġeronimo Abos | **Go p.l.c** |
| 328 | 03/12/2020 | Hemm bozza maqtugha fuq arblu fi Triq AM Galea c/w Triq Geronimo Abos. | settled | Triq Ġeronimo Abos c/w Triq AM Galea | **ENEMALTA** |
| 329 | 04/12/2020 | Hemm bżonn *patch* quddiem no 44 fi Triq Ġeronimo Abos. | pending | Triq Ġeronimo Abos | **COUNCIL** |

## 27.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

27.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

27.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

27.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

27.7.4 Imbagħad is-Sindku ressaq xi kwotazzjonijiet għall-awtorizazzjoni tax-xiri ta' oġġetti u servizzi.

1. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (68,000) face surgical masks packed in poly bags x 10 boxes of 5 poly bags mingħand il-fornitur V.J. Salomone Pharma Ltd għall-prezz ta' Eur4,998.00c VAT inkluż;

## 27 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

27.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

27.8.2 Applikazzjoni PA 05383/20 – 36, 'Musbieħ', Triq Ġużè Galea – 'Demolition of existing dwelling, excavation and proposed construction basement garages and five apartments'.

27.8.3 Applikazzjoni PA 08632/20 – La Perle, Triq Enrico Naudi, L-Iklin 'Part change of use from a garage to a public service garage'.

27.8.4 Applikazzjoni PA 08754/20 – Eloheinu, Triq ir-Razzett l-Aħmar L-Iklin 'Proposed agricultural store instead of pre-1968 structures, relocation of entrance, new entrance gate, underground water reservoir, pump room, additional soil, and maintenance to rubble wall'.

## 27.9 KUMMISSJONI TA' *CONDITION REPORT* DWAR L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL

27.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara li saru xi osservazzjonijiet minn proprjetà ta' parti terza dwar l-istat fil-*landing* tal-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, is-Sindku qal li kien important li nikkummissjonaw lill-Perit biex iħejji *condition report* dwar l-istat tal-fond tal-binja tal-Kunsill biex nieħdu l-pariri tekniċi tal-esperti.

Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkummissjunaw il-Perit tal-Kunsill biex iħejji condition report dwar il-fond nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri, L-Iklin.

Il-Kunsill approva *nem con*.

## 27.10 MOZZJONI DWAR IL-KUMMISSJONI TA' STUDJU XJENTIFIKU DWAR IL-ĦTIĠIJIET TAL-KOMUNITÀ.

27.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ppreżentata minnu u ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-kummissjoni ta' studju xjentifiku dwar il-ħtiġijiet tal-komunità.

27.10.2 Wara diskussjoni, il-mozzjoni għaddiet għall-vot.

27.10.3 Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

## 27.11 KUNSILL REĠJONALI ĊENTRU – SKEMA FINANZJARJA NRU. 9/2020

27.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Ċentru nieda skema għall-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt il-Kunsill Reġjonali Ċentru fejn il-Kunsilli jistgħu jieħdu rimborż ta' Eur5k wara li jissottomettu d-dokumentazzjoni neċessarja.

27.11.2 Is-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill, wara li jinġiebu l-kwotazzjonijiet, jinxtraw *face surgical masks* biex jitqassmu lil dawk il-persuni li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali L-Iklin u li għandhom minn 16-il sena 'l fuq bħala għajnuna matul din il-pandemija.

27.11.3 Wara diskussjoni, ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema speċifikata biex jagħmel użu mill-fondi allokati taħt din l-iskema.

27.11.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 27.12 KUNSILL REĠJONALI ĊENTRU – SKEMA FINANZJARJA NUMRU 10/2020

27.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Ċentru kien vara skema finanzjarja għall-proġett fil-komunità.

Informa li *deadline* ta' din l-iskema huwa sal-31 ta' Marzu 2021.

27.12.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ressqet proposta biex il-Kunsill jikkunsidra li jsiru xogħlijiet fis-Sala tal-Kunsill peress li l-Kunsill għandu proġett *in the pipeline* dwar Iklin/Balzan *Active Ageing Centre*. Semmiet li biex il-Kunsill ikun jista jvara dan il-proġett, jeħtieġ li jsiru xi alterazzjonijiet fis-Sala tal-Kunsill biex tkun tista takkomoda lil kulħadd. Kompliet tgħid li permezz ta' din l-iskema, il-Kunsill ikun jista jibbenifika minn dawn il-fondi speċifikament għal dan l-iskop.

27.12.2 Wara diskussjoni, kien deċiż li din l-iskema terġa tiġi diskussa biex jintgħażel l-aħjar proġett li minnu tgawdi l-komunità. *Nem con*.

## 27.13 TRASFERIMENT TA' *VACATION LEAVE* MHUX UTILIZZAT MILL-IMPJEGATI GĦAS-SENA 2021.

27.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tella għall-approvazzjoni tal-Kunsill *unutilized vacation leave* tal-impjegati tal-Kunsill. Kompla billi qal li minħabba l-esiġenzi tax-xogħol, l-Assistant Uffiċċjal Prinċipali u l-Uffiċċjal Eżekuttiv kien baqalgħom numru ta' sigħat *vacation leave* u għaldaqstant talab lill-Kunsill biex jikkunsidra u japprova li l-bilanċ tal-*vacation leave* li ma jeċċedix l-50% tal-vacation leave totali jiġi trasferit għas-sena d-dieħla jiġifieri għas-sena 2021.

27.13.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Bernice Farrugia biex il-Kunsill japprova li l-*vacation leave* tal-impjegati jiġi trasferit għas-sena d-dieħla.

27.13.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 27.14 LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITÀ

27.14.1 Kif jitlob l-Att tal-Kunsilli Lokali, Artiklu 70 jipprovdi biex il-Kunsill isejjaħ laqgħa pubblika qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi l-estimi finanzjarji għas-sena 2021.

27.14.2 Bit-tibdil li sar bl-aħħar riformi dwar Gvern Lokali, il-Kunsill għandu jlaqqa żewġ laqgħat waħda f'Diċembru u oħra f'April.

27.14.3 Wara diskussjoni, kien deċiż li l-laqgħa tal-lokalità tinżamm nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru ġewwa s-Sala tal-Kunsill. Kien deċiż li tintbagħat ċirkolari lir-residenti kollha tal-Iklin u jidher avviż fil-gazzetta tal-Gvern u avviż fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill.

27.14.4 Minħabba l-pandemija, il-Kunsill kien ser jieħu l-miżuri kollha neċessarji kif maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa biex jinżamm social distancing u miżuri oħra ta' mitigazzjoni.

## 27.15 KUNSIDERAZZJONI U AWTORIZAZZJONI TAL-VARJAZZJONI TAX-XOGĦOL FI TRIQ SAN MIKIEL.

27.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ippreżenta *Bill of Quantity* rivedut imħejji mill-Perit tal-Kunsill.

27.15.2 Is-Sindku spjega fid-dettal x'kien ser isir preċiż u semma li l-volum tax-xogħol ser jiżdied minħabba difetti fil-wiċċ tat-triq. Kompla li fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, kien imperattiv li jsir xogħol tajjeb billi jsir scarifying ta' *surface area* akbar minn dak previst biex ma jkunx hemm ingress ta' ilmijiet li jerġa jikkawża *crockodile cracks*. Ladarba kienet ser tiġi asfaltata nofs karreġġjata, 40 mm base course, 60mm wearing course, u C25 grade concrete fl-isqaq ta' maġenb il-faċilità tal-parkeġġ għall-aċċessibilità aħjar, l-awment fl-ispiża tirrelata skont il-volum u l-materjali użati.

27.15.3 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta li jekk għandha ssir biċċa xogħol, għandha ssir tajjeb mill-ewwel ladarba hemm il-finanzi biex isir dan il-proġett.

27.15.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill għandu Eur35K ipparkjati għal dan il-proġett, fondi ġejjin mill-Kunsill Reġjonali Ċentru. Il-Kunsill se jkun qed jawtorizza d-differenza u jagħmel tajjeb mill-fondi tal-Kunsill.

27.15.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jawtorizza l-ispiża.

27.15.6 Il-Kunsill awtorizza l-ispiża *nem con*.

**27.16 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

27.16.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Jannar 2021 fil-5.30 pm.

27.16.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Jannar 2021 fil-5.30 pm.

27.16.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li din kellha tkun l-aħħar seduta għal din is-sena u ħa l-okkażjoni biex jawgura Milied Hieni u s-Sena l-Ġdida lill-Kunsillieri u l-familjari u lill-komunità kollha tal-Iklin.

27.16.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |